MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1551/2000/1

**Mary Leone Ganado**

**Vs**

**L and D Attard Company Limited; u**
**Victor u John ahwa Camilleri u b'digriet**
**tad-29 ta' Mejju, 2002 stante l-mewt ta' Victor**
**Camilleri**
**l-atti gew trasfusi f'isem uliedu Victor, Joseph,**
**Emanuel,**
**Georgina Agius, Luckie Cuschieri, Carmen Vella,**
**Mary Cuschieri, ilkoll ahwa Camilleri.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Peress illi permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti kien gie ordnat il-bejgh in subasta ta’ l-appartamenti numru 1 u 3 tal-blokk ta’ flats numru 18, Triq Sant’Agata, Sliema, liema appartamenti kienu proprjeta’ tal-esponenti, fuq talba tal-konvenuti ahwa Camilleri;

U peress li appartament wiehed biss kien ikun bizzejjed biex jissodisfa l-kreditu tal-konvenuti Camilleri l-attrici kienet intavolat rikors fl-20 ta’ Novembru, 1998 liema rikors kien gie debitament notifikat skond l-ordni ta’ din il-Qorti;

U peress li nonostante kollox, dan ir-rikors ma giex dekretat u ghalhekk sar il-bejgh tal-fondi in kwistjoni liema fondi nxtraw mill-konvenuti L and D Attard Company Limited fil-15 ta’ Dicembru, 1998 u sussegwentement liberat favur taghhom, u tant l-ilment tal-esponenti kien gustifikat li baqa’ bilanc depozitat fir-registru ta’ din il-Qorti;

Illi ghalhekk il-bejgh hu null ghaliex ir-rikors imsemmi baqa’ ma giex dekretat u gew lezi d-drittijiet tal-attrici skond il-Kodici tal-Procedura Civili;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara null u bla effett il-bejgh in subasta tal-flats numru 1 u 3 fil-blokk ta’ flats numru 18, Triq Sant’Agata, Sliema;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-attrici senjatament dik ghad-danni, l-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta L & D Attard Co. Limited** a fol. 7 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi n-nuqqas o meno ta' digriet da parti tal-Qorti jekk huwa zball ma ghandhomx ibatuh l-eccipjenti izda l-attrici ai termini tal-massima antika u jekk ma huwiex il-premessa li abbazi taghha qed tipprova twaqqa' s-subasta l-attrici ma ggibx in-nullita tal-proceduri la qabel u anqas wara li jkun hemm l-aggudikazzjoni finali.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju t-terminu preskritt mill-ligi sabiex issir kawza ta' dan it-tip issa ghadda kompletament u ghalhekk l-azzjoni ma tistghax tigi ttentata jekk mhux sabiex ikun hemm dewmien.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Camilleri** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-bejgh in subasta tal-appartamenti numru 1 u 3 tal-blokk ta' flats numru 18, Triq Sant' Agata, Sliema, gie esegwit validament ai termini tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in partikolari ai termini ta' l-Artikoli tat-Titolu VII sub-titolu II fit-tieni ktieb ta' l-imsemmi Kodici.

Ghaldaqstant, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali a fol 13 u 16;

Rat id-digrieti a fol 15 u 16;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' John u Joseph Camilleri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed isostnu li l-bejgh bis-subasta tat-tieni appartament ma kienx necessarju tant li kien baqa' bilanc depozitat il-Qorti. Huma qed jirritjenu li kienu ghamlu rikors biex ma jinbieghux iz-zewg appartament izda r-rikors ma giex degretat u s-subasta saret xorta wahda u nbieghu iz-zewg appartamenti bi pregudizzju ghalihom.

Il-konvenuti qed isostnu li n-nuqqas o meno tad-digriet tal-Qorti, jekk huwa zball, m'ghandhomx ibaghtuh huma, u fl-istess hin, ma jgibx in-nullita' tal-procedura tas-subasta.

L-atturi f'dina l-kawza qed jitlob li tigi mhassra s-subasta li biha inbieghu l-appartamenti in kwistjoni.

Illi mill-atti tas-subasta ezibiti jirrizulta li ghalkemm kien gie prezentat ir-rikors imsemmi fic-citazzjoni (u dan ma kienx l-uniku wiehed) u l-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors, ma jidhirx li l-atturi kienu hadu hsieb biex jinnotifikaw lill kontroparti bir-rikors li pprezentaw. L-atturi ma jistghux jibbazaw it-talba taghhom biex tithassar is-subasta fuq premessa li hija bazata fuq nuqqas taghhom stess.

Ghalhekk it-talba attrici ma tistax tintlaqa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------